DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480
**Fax:** 2598 2149
**Email:** raymond.j.camilleri@gov.mt

### ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X

**Data:** 14 ta' Mejju 2012

**Azzjoni:** X

**Ref:** CMeLD 98/2012

**Lill- :** Prinċipali, Kapijiet u Għalliema tal-Iskejjel tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Minn-:** David Agius Muscat, George Mifsud u David Muscat, Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Problemi Pendenti fl-Ortografija tal-Malti - Sessjoni Oħra ta' Tweġib ta' Mistoqsijiet minn Carmel Azzopardi

---

Fuq talba tal-għalliema, l-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti David Agius Muscat, George Mifsud u David Muscat, bil-kollaborazzjoni tal-kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti tal-Iskejjel tal-Knisja Phyllis Debono u Claire Zerafa, se jorganizzaw sessjoni oħra ta' tweġib għal mistoqsijiet dwar problemi pendenti fuq l-ortografija tal-Malti.

Din se ssir fit-18 ta' Mejju 2012, mill-5.30 sas-7.00 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru tal-Kurrikulu, Triq Sarria, il-Furjana, u se titmexxa mis-Sur Carmel Azzopardi.

L-għalliema tal-primarja u s-sekondarja mħeġġin jattendu u jistaqsu mistoqsijiet fuq l-ortografija Maltija. Napprezzaw ħafna jekk il-mistoqsijiet jintbagħtu minn qabel lis-Sur Azzopardi f' info@akkademjatalmalti.com ħalli jkun jista' jitkellem dwarhom dakinhar tat-taħdita. L-għalliema jistgħu jistaqsuh xi mistoqsijiet dak il-ħin ukoll.

Kulħadd huwa mistieden jattendi u l-attendenza hija bla ħlas.

Is-Sur Carmel Azzopardi huwa l-President tal-Akkademja tal-Malti u kien għalliem tal-Malti għal ħafna snin. Huwa kittieb u jispeċjalizza fl-ortografija Maltija.

Tagħrif ieħor dwar din is-sessjoni u informazzjoni u aħbarijiet oħra dwar il-lingwa Maltija jistgħu jinkisbu minn dawn is-siti:

- http://malti.skola.edu.mt
- http://maltikurja.wordpress.com
- http://www.akkademjatalmalti.com

Grazzi tal-attenzjoni

**Raymond J. Camilleri**
**Direttur tal-Kurrikulu u e-Learning**